# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 644/97

Frank Spiteri

vs

Kap Kmandant tal-Forzi Armati

Illum 11 ta' Lulju, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz bejn l-1988 u l-1994, ir-rikorrent sofra ingustizzja billi ma nghatax promozzjoni li kienet tisthoqqlu ghall-grad ta' Bumbardier, minghajr raguni valida, anzi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, aktarx b'mottiv purament politiku.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:-

Ir-rikorrent ilu mill-31 ta' Marzu 1979 jahdem bhala fireman, fil-Fire Section (Luqa) bir-rank ta' Gunner mal-Forzi Armati ta' Malta.

Illi fl-Armata dejjem kienet il-procedura li l-promozzjonijiet jinghataw skond is-seniority Army Number, izda, meta nbidel il-Gvern fl-1987, l-affarijiet inbidlu u l-promozzjonijiet bdew isiru bla ebda regola ta' xejn.

Illi fit-2 ta' Jannar 1989, permezz ta' cirkolari ffirmata mill-Brigadier John Spiteri, hargu promozzjonijiet ghal Bumbardiera u Surgenti, b'effett retroattiv mill-1 ta' Mejju 1988.

Illi mit-tnax-il Gunner li gew promossi ghal Bumbardier, sitta minnhom kellhom anqas seniority mir-rikorrent, filwaqt li ir-rikorrent inqabez ukoll minn Gnr. 17871 C. Borg, li minn Gunner sar Surgent.

Illi dawn il-promozzjonijiet inghataw bla ebda gustifikazzjoni u kontra kull procedura normali, billi la sar ezami, la sar interview u lanqas ma kien hemm xi rakkomandazzjoni mill-Fizzjal Kmandant, kif normalmant kien isir.

Illi fil-25 ta' Marzu 1994, sar ezercizzju biex jigu rrangati l-ingustizzji li saru fil-promozzjonijiet imhabbra permezz tac-cirkolari msemmija tat-2 ta' Jannar 1989 u kien sar qbil li jinghataw il-promozzjonijiet skond l-Army Number.

Illi madankollu, mhux talli ma gietx irrangata l-ingustizzja li kienet saret mar-rikorrent, talli ghal darb'ohra ir-rikorrent rega gie maqbuz minn Gnr 17851 Hili, li minn Gunner sar Bumbardier.

Illi b'konsegwenza tal-ingustizzja li sofra, ir-rikorrent baghta wkoll telf finanzjarju konsistenti f'telf tal-awment ta' paga relativa ghall-grad ta' Bumbardier, miz-zmien li kien haqqu jiehu l-promozzjoni ghal dan il-grad.

Illi barra minn hekk, b'rizultat tad-diskriminazzjoni li saret kontrih, ir-rikorrent bata wkoll fil-karriera professjonali tieghu, peress illi minflok avvanza meta kien jisthoqqlu, mar lura fis-seniority ghaliex gew promossi persuni ohra filwaqt li hu baqa fl-istess grad li kien.

Ir-rikorrent dejjem kellu rapporti tajba fl-attendenza, abbilta`, efficjenza u 'smartness' u dejjem ghamel ix-xoghol li nghata b'responsabbilita u skond l-ahjar abbilta tieghu.

Illi ir-rikorrent ma nghata ebda raguni valida ghall-ingustizzja li sofra u ghalhekk jsostni li din x'aktarx saret ghal mottivi politici. Illi b'hekk, ai termini tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrent, fil-perjodu fuq indikat, garrab ingustizzja u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew li minhabba fiha garrab inkapacita jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi, biex isostni l-ilment tieghu, ir-rikorrent ressaq ix-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab illi dan it-Tribunal jghogbu, wara li jisma' x-xhieda u sottomissjonijiet tair-rikorrent, jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jordna illi jinghata rimedju billi ir-rikorrent (1) jinghata l-promozzjoni ghall-grad ta' Bumbardier b'effett retroattiv mid-data li kien haqqu tali promozzjoni; (2) jithallas l-arretrati kollha ta' paga, allowances u overtime, relativi ghal tali promozzjoni.

Fl-eventwalita` li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw, ir-rikorrent jitlob li jigi ordnat jithallas lilu kumpens f'ammont ta' Lm5,000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm 5,000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:-

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikors promotur huwa inammissibbli fit-termini ta' l-Artikolu 5 (3) (b) ta' l-Att VIII ta' l-1997 peress illi r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi oltre l-inammessibilita` msemmija fil-paragrafu u ibda biex, il-procedura fl-Armata rigward l-ghoti tal-promozzjonijiet, kuntrarju ghall-dak li r-rikorrent irid jaghti wiehed x'jifhem, qatt ma kienet li l-promozzjonijiet jinghataw skond is-seniority Army Number. Ta' min jispjega li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll abbazi ta' kwalifiki u ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli cioe, l-avviz Legali Nru 91 tal-1970. Ghaldaqstant dak li r-rikorrent qed jallega f'dan ir-rigward huwa kompletament zbaljat. Barra minn hekk, fl-ezercizzju msemmi mir-rikorrent u li qed jirreferi ghalih bhala li sar fil-25 ta' Marzu 1994, ir-rikorrent qed jerga jizbalja

f'li jghid li kien sar qbil li l-promozzjonijiet jinghataw skond l-Army Number u dan johrog minn dak li ser jinghad.

Illi dwar l-ezercizzju tal-promozzjoni fil-Fire Section (Airport Company) cioe' tal-1988, il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji kienet irrakkomandat u l-ufficcju tal-Prim Ministru approva, biex isir ezercizzju gdid li jinkludi il-membri kollha tal-Fire Section. Dan l-ezercizzju li r-rikorrent qed jirreferi ghalih kien ibbazat fuq il-principju li l-Officer Commanding tal-Fire Section jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu ibbazati fuq "present capabilities" ta' kull membru u li jigu elenkati skond ordni ta' mertu ghall-promozzjoni fir-rank li jmiss.

Illi fil-kaz tal-promozzjoni ta' gunner ghal bombardier kien iddikjarat li kien hemm hames vakanzi. Ir-rikorrent kien fil-fatt elenkat ir-raba' wiehed minn dawk li gew irakkomandati skond ma kif kien mitlub u kif gie spjegat fil-paragrafu precedenti. Illi meta l-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ghamlet ir-rakkomandazzjonijiet taghha u li l-Ufficcju tal-Prim Ministru approva gie konsistement ritenut li min ma jaghmilx ilment ma jistax jippretendi li sofra ingustizzja meta shabu li jkunu ghamlu l-ilment li jirrizulta gustifikat, jiehdu promozzjoni propju bl-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni fl-istess ilment. Billi r-rikorrent ma kienx ghamel ilment lill-

Kumissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji dan ma kellux jigi kkunsidrat biex jigi promoss bhal shabu.

Illi fl-ezercizzju li sar fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li gie approvat mill-Ufficcju tal-Prim Ministru, 17851 Gunner Hili R. kien elenkat is-sitt wiehed fil-lista tal-mertu ghall-promozzjonijiet ghal bombardier. Minhabba li r-rikorrent ma kienx ghamel ilment kif imsemmi filwaqt li Gunner Hili kien ghamlu, kien imiss lil Hili li jigi promoss u ghaldaqstant ma saret l-ebda ingustizzja mar-rikorrent. Il-kaz kien ikun differenti li kieku l-promozzjonijiet tal-1994 ma kienux limitati ghal dawk l-individwi li kienu ghamlu l-ilment.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita il-gurisdizzjoni tieghu, u sub-bordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li numru ta' nies inqabzu fil-promozzjoni ghal Bumbardier. Ghall-ewwel kienu sejrin jifthu kawza kontra l-Gvern izda wara iddecidew li xi whud minnhom jirrikorru kontra l-Gvern permezz ta' kawza quddiem il-Kummissjoni. Hu ma ghamilx dan ghax ma kellux fiducja li kien ser jinghata r-rimedju li jisthoqqlu.

Madankollu wara xi zmien it-Tribunal kien sab li shabu kellhom ragun u allura kien hemm ordni biex isir ezercizzju biex jigu rrangati l-ingustizzji li kienu saru. Izda f'Marzu 1994, ghalkemm regghu gew promossi persuni ohra, ir-rikorrent reggha gie maqbuz.

In kontro-ezami qal li fl-1979 kien ha r-rank ta' gunner. Hu kien diga jahdem mal-fire section pero' ma kienx impjegat tal-Gvern. Ix-xoghol tieghu kien ta' fireman propju u dan jikkonsisti li jsuq il-fire engines, u jitfu n-nar.

Joseph Cioffi li jahdem fil-fire section semma li jaf li r-rikorrent. Semma li r-rikorrent dejjem hadem sew u ghall-qalbu u gieli mar oltre ix-xoghol li kien mistenni minnu. Bhala efficjenza u kapacita tar-rikorrent iddiskrivih l'fuq mill-average. Spiccaw

mill-Army fl-1998 u minn hemm il-quddiem gew f'section specjalizzata mal-MIA. Kien superjur tar-rikorrent fl-army. Il-grad tar-rikorrent kien ta' gunner u l-grad tieghu kien ta' lieutenant. Fl-annual report tar-rikorrent dejjem tah assessments gholjin hafna.

Alfred Stivala li llum jahdem fil-fire section ta' l-army u ilu jahdem hemmhekk mill-1968 sakemm spiccaw minn ma' l-army fl-1998 meta qalbu mal-MIA xehed li kien hemm zmien meta kien Warrant Officer meta hadem direttament mar-rikorrent. Qal li r-rikorrent kien jaghmel xogholu eccelenti bhala kapacita u efficjenza, kien smart u obbidjenti hekk kif dejjem ghandek tkun fl-armata. Ir-rikorrent kien konxjenzjuz hafna fuq ix-xoghol u kien jiehu gost jahdem. Gieli anke tawh xi special duties x'jaghmel.

Emanuel Pantalleresco li kien l-officer commanding tal-fire section semma li kien ilu fil-fire section mill-1964. Ir-rikorrent kien jahdem tahtu. Iddiskrevih "nghid li l-efficcjenza hija eccellenti kemm fil-kapacita u kemm fil-kondotta. Bhala dixxiplina r-rikorrent kien igib ruhu tajjeb hafna u anki kien izomm ruhu smart." Fl-assessments kien jikklassifikah li huwa qualified biex ikun higher rank. Dawn l-assesments kienu jkunu bil-miktub. Kien involut fl-ezercizzju ta' l-1988 u 1989 u kien issottometta lista ta' nies lid-Direttur tas-Civil Aviation. Ir-rikorrent kien wiehed minnhom indikat fil-lista.

Francis Sammut li kien jahdem fl-istess sezzjoni bhala bumbardier u ghalhekk kien grad aktar mir-rikorrenti ddeskrivih bhala efficjenti, ghandu certa kapacita u abbli hafna fix-xoghol tieghu.

Lt. Col. Mario Schembri esebixxa Dok MS1 mibghuta mid-Director General lill-Kmandant tal-Forzi Armati bid-data tal-5 ta' Ottubru 1993 dwar x'kienet taghthom il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ghar-rigward ta' promozzjonijiet fejn kienet qalet li kien hemm xi inezattezzi fil-mod kif saru tan-1988 u kienet ordnat illi jsiru rakkomandazzjonijiet godda minn Major Pantalleresco li dak iz-zmien kien officer commanding tal-fire fighting section, liema rakkomandazzjonijiet kellhom ikunu on present capabilities. Ipprezenta dokument MS2 ittra mibughta mid-Director General Civil Aviation lill-Kmandant tal-Forzi Armati ta' dak iz-zmien il-Brigadier Maurice Calleja fejn gew elenkati nies illi kienu fil-fire section u f'appendix A jidher fit-tielet post isem ir-rikorrent 17847 gunner Spiteri. Ipprezenta dokument MS3 li hi kopja ta' ittra mid-Director General J. Curmi lill-Kmandant Forzi Armati bid-data fit-8 ta' Marzu 1994, rigward il-promozzjonijiet li kienu rakkomandati mill-Maggur Pantalleresco u Fenech. Fit-tieni paragrafu hemm dan il-kliem:

> "In this connection you may wish to note that Gunner 17847 Frank Spiteri had not submitted a claim to the Commission and should not therefore be considered."

Ipprezenta wkoll dokument MS4 silta mir-rakkomandazzjonijiet li kienu jaghmlu l-Kummissjoni ta' l-Ingustizzji f'kull kaz, fejn kienet tghid li din il-Kummissjoni diga tinvestiga lmenti simili bhal tar-rikorrent. Gie konsistentement ritenut illi min ma jaghmilx ilment ma setax jippretendi li sofra ingustizzja meta shabu li jkunu ghamlu l-ilment jkun irrizulta iggustifikat u jiehdu promozzjoni proprju mill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

Xehed li ma jafx xi kriterji ntuzaw fil-promozzjonijiet tan-1988. Qal: "Fil-fatt il-Brigadier ta' dak iz-zmien kien ikkwirja lill-OPM u staqsa "Isma Spiteri gie r-raba' wiehed intom ghidtulna li hemm vacancy ta' erba'. X'sa naghmlu?" Ir-risposta kienet minghand id-Director General li fil-fatt esebejtha hemmhekk bhala Dokument MS3, u tghid "specifically you may wish to note that gunner 17847 Frank Spiteri li huwa r-rikorrent had not submitted a claim with the commission, and should not therefore be considered. X'gara? Mela dan la darba b'ordni gie vakat il-post numru 4 li kien ta'Austin Spiteri intghazel ta' warajh."

**KONKLUZZJONIJIET:**

Dwar l-ewwel eccezzjoniji tal-intimat din giet irtirata fit-23 ta' Gunju, 1999.

Ghalhekk l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda li flimkien ma' nies ohra inqabez fil-promozzjoni ghal Bumbardier. Sitta kellhom

anqas seniority mir-rikorrent. Xi whud minn dawk maqbuza ghamlu proceduri quddiem il-Kummissjoni. Hu ma ghamilx dan. Wara xi zmien il-Kummissjoni peress li hasset li kien hemm xi inezattezzi dwar il-mod kif saru l-promozzjonijiet kienet ordnat li jsiru rakkomandazzjonijiet godda minn Major Pantalleresco li dak iz-zmien kien Officer Commanding tal-Fire Fighting Section. Izda f'Marzu 1994, ghalkemm regghu gew promossi persuni ohra, ir-rikorrent reggha gie maqbuz u dan minhabba l-interpretazzjoni li tagha d-Direttur Generali li ordna li Spiteri ma kellux jigi kkunsidrat minhabba li ma kienx ghamel talba lill-Kummissjoni.

Skond Joseph Cioffi li jahdem fil-fire section r-rikorrent dejjem hadem sew u ghall-qalbu u gieli mar oltre ix-xoghol li kien mistenni minnu. Bhala efficjenza u kapacita tar-rikorrent iddiskrivih l'fuq mill-average. Alfred Stivala li llum jahdem fil-fire section ta' l-army u ili jahdem hemmhekk mill-1968 qal li r-rikorrent kien jaghmel xogholu eccelenti bhala kapacita u efficjenza, kien smart u obbidjenti hekk kif dejjem ghandek tkun fl-armata. Ir-rikorrent kien konxjenzjuz hafna fuq ix-xoghol u kien jiehu gost jahdem. Gieli anke tawh xi special duties x'jaghmel. Emanuel Pantalleresco li kien l-officer commanding tal-fire section u li ghalih kienet ghamlet referenza il-Kummissjoni ghall-iskop li jigi irrangati l-inezattezzi, dwar ir-rikorrent xehed "nghid li l-efficcjenza hija eccellenti kemm fil-kapacita u kemm fil-kondotta. Bhala dixxiplina r-rikorrent kien

igib ruhu tajjeb hafna u anki kien izomm ruhu smart." Fl-assessments kien jikklassifikah li huwa qualified biex ikun higher rank. Dawn l-assesments kienu jkunu bil-miktub. Kien involut fl-ezercizzju ta' l-1988 u 1989 u kien issottometta lista ta' nies lid-Direttur tas-Civil Aviation. Ir-rikorrent kien wiehed minnhom indikat fil-lista. Wara li l-Maggur Pantallaresco ghamel l-ezercizzju li riedet il-Kummisssjoni l-Brigadier ta' dak iz-zmien kien ikkwirja lill-OPM u staqsa "Isma Spiteri gie r-raba' wiehed intom ghidtulna li hemm vacancy ta' erba'. X'sa naghmlu?" Kien minhabba l-interpretazzjoni zbaljata tad-Direttur Generali li r-rikorrent thalla barra.

Issa dan it-Tribunal jaqbel perfettament mall-Kummissjoni li min ma jaghmilx ilment ma jistax jippretendi rimedju meta shabu li jkunu ghamlu ilment li jirrizulta gustifikat jiehdu promozzjoni propju bl-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, kif ukoll tat-Tribunal. Izda dan japplika ghal kazijiet fejn rikorrent jitlob rimedju u l-Kummissjoni, jew Tribunal, jilqa' t-talba. Ma jistax japplika meta r-rimedju tal-Kummissjoni jkun kif kien fil-kaz in ezami, li wara li sabet li kien hemm xi inezattezzi fil-mod kif saru tan-1988 ordnat illi jsiru rakkomandazzjonijiet godda minn Major Pantalleresco li dak iz-zmien kien officer commanding tal-fire fighting section, liema rakkomandazzjonijiet kellhom ikunu on present capabilities. Altrimenti jispicca biex issir ingustizzja ohra. Huwa veru li kultant decizzjoni ta' din in-natura twassal ghal

dan meta persuna ma tkunx talbet rimedju u dan ir-rimedju jkun intalab u gie moghti lil xi persuna minn warajha. Izda hemm ma hemmx soluzzjoni. Izda f'dan il-kaz il-Kummissjoni riedet li jsir ezercizzju gdid halli jigu eliminati l-inesattezzi. Ghalhekk ir-rikorrent kellu jigi kunsidrat.

Issa la kellu jigi kunsidrat jibqa' li wiehed jara jekk fil-fatt ir-rikorrent kienx haqqu jsir. Irrizulta li fil-fatt kien isir. Apparti r-rakkomandazzjoni tal-Maggur Pantalleresco hemm il-kummenti favorevoli tax-xhieda l-ohra.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat.

Jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Bumbardier b'effett mill-11 ta' Mejju, 1988 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra r-rikorrent dejjem a tenur tal-artikolu 7 (9) (d).

Spejjez kontra l-intimat.